MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Appell Civili Numru. 3/2011

**Avviz Numru: 17/10**
**A**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi il-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-Appell Numru 17/10 fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Bord,***

*Fis-27 ta' Jannar 2010, l-appellant **A,** Kumpanija li kienet tahdem ta' "shipping company" (sid ta' bastiment wiehed) izda issa tinsab fil-process ta' likwidazzjoni ssottometta l-*

*Formola A tal-Appell kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.09.04 - 31.08.08 ghall-ammont ta' €28,364 minghajr penali amministrattiva u mghax. L-Appell jikkoncerna xi "intra-community acquisitions" li skont l-appellant mhux suppost li kienu taxxabbli.*

*Ghan-nom tal-Kumpanija appellanti deher is-Sur Ruben Mifsud, Liquidator assistit mis-Sur Karl Diacono, rapprezentant tal-Kumpanija. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal. Kien prezenti wkoll is-Sur Roderick Zammit Randich, Assistent Principal.*

*Il-Bord innota li d-Dipartiment fir-risposta tieghu lill-Bord tal-11 ta' Frar 2010, kien allega li l-Appell kien irritu u null peress li kien gie sottomess 23 gurnata fuq id-data preskritta bil-Ligi. Id-Dipartiment biex isostni dan ta dettalji li juru li l-istejjem provizorji u l-istejjem propji kienu hargu u ntbaghtu lill-appellant fil-hin. L-appellant ammetta dan in-nuqqas izda qal li l-istejjem qatt ma jmisshom hargu ghar-raguni li s-"supplies" hlief is-sigaretti, li fuqhom hargu l-istejjem kienu ezenti ("0" rated) skont il-Ligi (Skeda 5, Item 6). Id-Dipartiment irribatta dan billi qal illi huwa kien ghamel kuntatt mal-Agent tal-Kumpanija bil-ghan li jingiebu r-"records" pertinenti izda ma sar xejn u li l-appellant lanqas attenda ghar-"review". Fic-cirkostanzi, id-Dipartiment kien kostrett idahhal l-ammonti relattivi fil-kaxxa numru 3 (taxxabbli) fid-denunzja u ma gewx irriversjati fil-kaxxa numru 9.*

*Il-Bord wara li sema' dak kollu li ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkuzjonijiet:-*

*1. Li l-argumenti tal-appellant fir-rigward tal-allegazzjoni tad-Dipartiment li kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni kontinwa min-naha tal-Kumpanija appellanti huma dghajfa u ma jisthoqqilhomx kunsiderazzjoni mill-Bord.*

*2. Li d-Dipartiment gab il-provi mehtiega li huwa kien agixxa b'konformita mal-Ligi.*

*3. Li irrispettivament minn dan, l-Appell kien gie sottomess wara t-30 jum preskritti fil-Ligi u li dan il-perjodu huwa tassattiv.*

*4. Li l-Appellant ma gab l-ebda raguni accettabbli ghala ssottometta l-Appell tard.*

*Fic-cirkostanzi, u specjaiment ghall-konkluzjoni 3 u 4 li jidhru aktar 'il fuq, il-Bord qed jichad l-Appell.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' A datat 19 ta' Jannar 2011 fejn l-istess socjeta' appellanti talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u fin-nuqqas tirriforma d-decizjoni billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu issib it-taxxa imposta ta' €28,364, ma jigix impost il-hlas ta' imghaxijiet u penali amministrattivi u dan taht il-provedimenti u kull rakkomandazzjoni li din il-Qorti jidrilha xierqa.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' April 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 11 ta' Frar 2011 a fol 6 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Kris Balzan ghal VAT u Alfred Caruana Pettett bhala rapprezentat tal-istess u Dr. Kenneth Grima ghas-socjeta` appellanti u Mr. Reuben Mifsud, likwidatur tas-socjeta` appellanti. Dr. Grima esebixxa kopja tal-inkartament anness mal-email tat-28 ta' Jannar 2010 bhala Dok "KG 1" u obbliga ruhu fi zmien hmistax-il gurnata (15) jipprezenta nota ta' referenzi, b' kopja lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu hmistax-il gurnata (15) biex jipprezenta nota ta' referenzi jekk ihoss il-bzonn. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-6 ta' Dicembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi suggetta ghal dan l-appell.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravvji tas-socjeta' appellanti huma li (a) li d-Dipartiment tal-VAT ma agixxiex in konformita' mal-Ligi ghaliex skond Skeda 5 Item 6 provisti ghall-bzonnijiet tal-vapur huma ezenti mill-hlas tat-taxxa tal-VAT, u allura tali bzonnijiet ma kellhomx jigu ddikjarati mis-socjeta' attrici fil-formula tat-taxxa taghha u dan huwa iktar serju meta mhux biss qed tintalab il-hlas ta' €28,364 bhala taxxa, izda is-somma ta' €15,000 bhala penali u imghax, b'kollox ghall ammont totali ta' €43,217.35 oltre imghax ulterjuri li qed jakkumula kuljum; (b) l-appell ma kienx prezentat tardivament ghaliex dan sar permezz ta' e-mail datata 23 ta' Dicembru 2009 citata fir-rikors tal-appell; (c) il-Qorti, skond gurisprudenza taghha ghandha taghmel rakkomandazzjoni sabiex tinhafer il-penali u/jew interessi la darba jirrizulta li dawn ma humiex dovuti skond il-ligi.

Illi dwar l-aggravju li l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (il-Bord) ma sarx tardivament tqajjem biss quddiem din il-Qorti, tant fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2010 quddiem l-istess Bord inghad is-segwenti:-

*"Il-Bord gibed l-attenzjoni tal-appellant ghall-fatt illi d-Dipartment qed jghid illi l-Appell huwa tardiv".*

*"Is-Sur Mifsud qal illi jammetti li l-Appell huwa tardiv imma qal illi l-istejjem qatt ma misshom hargu ghax id-Dipartiment jaf li l-Kumpanija hija "shipping agent".*

Illi fil-fatt dan huwa r-raba' aggravju fir-risposta tal-Kummissarju fuq imsemmi fejn mill-ewwel sostna *"li l-appell huwa rritu u null u huwa tardiv bi 23 gurnata",* u dan l-aggravju kif imressaq illum quddiem din il-Qorti, ingab l-

ewwel darba proprju f'din l-istanza. Dan certament immur kontra dak allegat mis-socjeta' appellanti, ghaliex is-socjeta' appellanti ma' qajmitx dan il-gravamm quddiem il-Bord.

Illi jidher li l-avviz li kontra tieghu sar l-appell kien notifikat lis-socjeta' appellanti fl-4 ta' Dicembru 2009 (Dok. "B" – anness mar-risposta tal-appell – fol. 10), u t-terminu sabiex jigi prezentat l-appell skond l-artikolu 4 (d) tal-Disa' Skeda tal-Kap. 496 huwa ta' *"zmien tlettin jum mid-data tan-notifika tal-avviz li kontrih isir l-appell"* u fil-fatt l-istess artikolu jipprovdi li kemm il-darba dan it-terminu u dak kollu indikat fl-imsemmi artikolu ma jigix rispettat *"Appell kontra stima ma jkunx validu.....".*

Illi dan ifisser li la darba l-appell sar fis-27 ta' Jannar 2010 (Dok. C. – anness mar-risposta tal-appell) mela allura l-appell sar tardivament ghaliex kellu jsir (skond kif anke spjegat fit-tielet paragrafu tat-tieni pagna tar-risposta tal-appell – fol. 7) sad-data tal-4 ta' Jannar 2010 u ghalhekk ma hemm dubju ta' xejn li l-appell quddiem il-Bord kien tardiv. Dan huwa kkonfermat mis-socjeta' appellanti stess peress li fl-atti ta' dan l-appell esebiet inkartament allegatament anness mal-e-mail tat-28 ta' Jannar 2010 bhala Dok. "KG 1" u dan huwa proprju l-appell in kwistjoni li dahal fir-registru tal-Bord fis-27 ta' Jannar 2010.

Illi hawn is-socjeta' appellanti qed issostni li fil-verita' l-appell minnha sar tempestivament permezz ta' e-mail datata 23 ta' Dicembru 2009, izda id-Dipartiment qatt ma accetta li din l-e-mail kienet giet ricevuta minnu, tant li Mary Louise Borg b'e-mail datata 28 ta' Jannar 2010 fid-9,.23, kienet irrispondiet ghall-e-mail tal-istess data, u sostniet li *"Kindly note that the e-mail dated 23rd December 2009 was not recieved at this end".*

Illi mhux hekk biss, izda l-istess e-mail datata 23 ta' Dicembru 2009 li allegatament intbaghtet lid-Dipartiment mhux biss ma ghandha l-ebda raguni fuq x'hiex l-appell kien qed isir, izda tirreferi ghal *"attached Appeal"* - meta mal-istess ma kien hemm xejn minn dan. Dan irendi t-tezi odjerna tas-socjeta' appellanti wkoll mhux kredibbli u

ghalhekk jirrizulta li l-unika appell li sar kien dak datat 27 ta' Jannar 2010 li kien tardiv. Mhux biss, izda ovvjament tali e-mail allegata tat-23 ta' Dicembru 2009, li ma gietx lanqas ricevuta mill-appellat ma tindikax ir-ragunijiet tal-appell u allura din lanqas tista' qatt jigi kkunsidrat bhala appell, apparti li d-disposizzjonijiet tal-istess Skeda fuq imsemmija lanqas biss gew osservati (**"AB vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" – Kaz. Nru. 4** – 21 ta' Gunju 1951). Barra minn dan l-email imsemmija tirreferi ghall-appell anness maghha li lanqas bis jezisti. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud u dan ifisser li l-appell prezentat quddiem il-Bord kien tardiv u fuori termine u ghalhekk dak l-appell gie korrettament rigettat mill-Bord, u din il-Qorti ovvjament ma tistax hlief taghmel l-istess.

Illi ma hemm ebda raguni fil-ligi li tali terminu ta' appell jigi b'mod eztiz, u dan ghaliex tali termini huma perentorji (**"Alexander Caruana vs Il-Kummissarji tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** – A.C. – 25 ta' Gunju 2010).

Illi tenut kont ta' dan din il-Qorti ma ghandhiex tinvesti l-aggravji l-ohra.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 11 ta' Frar 2011, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti A bir-rikors tal-appell taghha datat 19 ta' Jannar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, b'dan li tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet premessi "A vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" (Appell Numru 17/10) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellanti A.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------